MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2012

Numru. 995/2010

Il-Pulizija
(Sp Fabian Fleri)
vs
Brian Buhagiar, iben Carmel, imwieled Melbourne, l-Awstralja fil-21 ta' Marzu, 1971, karta ta' l-identita numru 293588(M)
u
Alan Gatt, iben Lawrence, imwieled Pieta' fl-10 ta' Diċembru, 1983, karta ta' l-identita numru 6584(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati:
1. talli fit-8 ta' Settembru, 2010 għal ħabta tat-3.30 a.m. ġewwa Triq is-Santwarju, Zabbar ħebbew b'oġġeti iebsin u cioe' martell u Katina għal Anthony McKay u

ikkaġunawlu ġrieħi ta’ natura gravi skont ma ċċertifka Dr. Christian Zammit mill-Isptar Mater Dei;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kisru l-bon ordni u il-paċi pubblika b’għajjat u ġlied.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Ġunju, 2012 fejn il-parte ċivile infurmat lill-Qorti li l-ferita damet inqas minn tletin ġurnata biex tfieq.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Ġunju, 2012 fejn l-imputati ammettew li kkaġunaw ferita ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ Anthony McKay, kif ukoll ammettew it-tieni akkuża.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja li għamlu ferita ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ Anthony McKay u issibhom ħatja tat-tieni akkuża. Rat l-artikoli 221(1) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati li jħallas multa ta’ tlett mitt euro (€300).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------